MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 360/2008

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Teleford Sarah**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta’ April 2008, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt mija u tnejn u sebghin euro u sittax-il centezmu (€672.16) ekwivalenti ghal mitejn u tmienja u tmenin Liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm288.56), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghaxijiet u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-16 ta’ Gunju 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt mija u tnejn u sebghin euro u sittax-il centezmu (€672.16) ekwivalenti ghal mitejn u tmienja u tmenin Liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm288.56), bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez ta’ dina l-istanza u dawk mitluba fl-Avviz li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------